MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 967/2004

**Maltacom plc.**

**-vs-**

**Francis Hili.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li bih is-socjeta’ rikorrenti esponiet bir-rispett;

Illi l-kawza fl-ismijiet Maltacom plc kontra Francis Hili (Cit. Nru. 1888/98AJM) giet deciza minn din il-Qorti fid-19 ta’ Ottubru, 1998, u fl-istess kawza l-konvenut kien gie kkundannat jhallas lill-Maltacom plc s-somma ta’ Lm 1207.96 (elf, mitejn u sebgha liri maltin u sitta u disghin centezmi), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 375787 li kien installat fil-fond numru 6/5, Fleet Street, Gzira, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, oltre Lm172.16 (mija tnejn u sebghin liri maltin u sittin centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll Lm 579.82 (hames mija disgha u sebghin liri maltin u tnejn u tmenin centezmi), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-lum, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' Lm 1959.94 (elf, disgha mija disgha u hamsin liri maltin u erbgha u disghin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-Socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat d-dokument anness mieghu.

Semghet l-ammissjoni tal-intimat.

Billi mil-ammissjoni tal-intimat, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata.

**Fuq ammissjoni tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------